MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 49/2010

Kenneth Grech Company Limited (C 38620)

vs

Anglu Bajada

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-24 ta' Dicembru 2010, li jaqra hekk :-

'Ghid inti konvenut il-ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas l-ammont ta' elf erba' mija u zewg ewro (€1,402) repprezentanti l-bilanc li ghadu dovut minnek ghall-merkanzija konsenjata lilek mis-socjeta' rikorrenti fuq talba u fuq struzzjonijiet tieghek stess, u dan skond l-*istatement* hawn anness u markat bhala Dokument A. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'zokkor ;

Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-erbatax (14) ta' Mejju 2009, sad-data ta' l-effettiv pagament stante li dan huwa debitu kummercjali ;

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Mejju 2010 (kopja annessa bhala Dokument B), kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva numru 108/2010 datata 5 ta' Awwissu 2010 (kopja annessa bhala Dokument C), u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ngunt.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-24 ta' Jannar 2011, eccepixxa :-

'1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma huwa dovut l-ebda ammont ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.' ;

Sama' l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw oralment il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hi azzjoni ghall-hlas ta' prezz ta' merkanzija ta' zokkor mibjugha u mwassla lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq talba tieghu ;

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-kwalita' u l-kwantita' ta' merkanzija konsenjata lill-konvenut. Il-kwalita' taz-zokkor ikkonsenjat hija dik tat-tip *Tate & Lyle Granulated Sugar* u gew ikkonsenjati mija u sitta u ghoxrin xkora (126) zokkor ta' hamsa u ghoxrin kilogrammi (25kg) -il wahda. Il-kontestazzjoni li tifforma l-pern tal-kwistjoni kollha hija dwar il-prezz ta' kull xkora zokkor li bih din il-merkanzija giet jew kellha tigi mibjugha u finalment

konsenjata lill-konvenut. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni li jaghti Kenneth Grech ghas-socjeta’ attrici u dik li jaghti l-konvenut Anglu Bajada. Skont  l-attur il-prezz ghal kull xkora zokkor kien ta’ sebgha u ghoxrin Euro (€27), u l-konvenut jikkontesta dan il-prezz billi jqisu eccessiv u mhux skont il-ftehim li kellu mas-socjeta’ attrici li skont hu, il-prezz kien ta’ hmistax –il Euro (€15) ghal kull xkora zokkor tal-istess piz u kwalita’. Filwaqt li l-attur jinnega li kellu xi ftehim mal-konvenut li jzommlu l-ordni taz-zokkor fl-imhazen tieghu u jikkonsenjahomlu meta hekk jigi miltub mill-konvenut, il-konvenut  isostni li kellu ftehim mal-attur Kenneth Grech li jixtri konsenja kbira ta’ zokkor ghall-prezz ta’ hmistax –il Euro (€15) ghal kull xkora u li kellu jzommlu dan iz-zokkor fl-imhazen tas-socjeta’ attrici u jikkonsenjalu din il-merkanzija meta jigi bzonnha. Skont il-konvenut dan il-ftehim mas-socjeta’ attrici kien sar billi dak iz-zmien il-prezz taz-zokkor kien qed ivarja drastikament ;

Inghad li ‘mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant  .... .... . Anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.’ [Prim’Awla, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, 24 ta’ Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F’sentenza ohra l-imsemmi  Imhallef insenji kien ippreciza illi ‘fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk

l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.’ [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta’ Gunju 1980] ;

Dan it-Tribunal huwa moralment konvint wara li qies u wiezen x-xhieda li gew prodotti mill-partijiet u wara li fela w ezamina d-dokumenti kollha in atti, u kellu opportunita’ li jezamina lix-xhieda kollha *viva voce*, iqis li l-verzjoni tal-konvenut mhijiex wahda attendibbli. Dan it-Tribunal ma jaraha xejn verosimili li titqieghed ordni ghal xiri ta’ kwantita’ pjuttost kbira ta’ zokkor bi ftehim li din tinzamm mill-grossista u li tigi konsenjata lill-konvenut meta hekk joghgbu jitlob il-konsenja taghha minghajr ma jsir xejn in iskritt dwar din l-ordni, izda semplicement ftehim verbali, u minghajr ma jithallas il-prezz pattwit mal-ordni izda l-prezz jithallas mal-konsenja ssir meta din ssir konvenjenza tad-dettaljatur. Certament li ebda grossista mhu ser jiehu dan l-element ta’ riskju, aktar u aktar fiz-zmijiet tallum, li jitghabba b’ordnijiet ta’ kwantitajiet kbar ta’ merkanzija u li jzomm din il-merkanzija jistenna li jikkonsenjaha u jithallas taghha meta u jekk joghgbu jitlobhielu minn min ikun ghamel din jew dik l-ordni. Almenu hekk jiddetta s-sens komun ;

Inghad li : ‘Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchin**o, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986). Meta l- verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz

korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet.' [Qoti tal-Appell, **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et**, deiza fit-23 ta' Settembru 2009]. Kif tajjeb gie ritenut ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, deciza fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'decizjonijiet simili in re : **Zammit vs Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Vassallo vs Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986), "Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Jghid a propositu l-**Mattirolo** ("**Diritto Giudiziario**", Vol.III para 306) : *"Il legislatore non ha voluto attribuire un valore diverso all'una e all'altra prova … … vuolsi, sempre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il contrario applicare il principio di diritto comune in materia probatoria, secondo cui dipende dal libero apprezzamento del giudice l'estimazione delle singole prove ed il giudice deve pronunziare in conformita` alla sua convinzione, ossia della morale certezza*." ;

Dan it-Tribunal lanqas ma jaraha attendibbli l-verzjoni tal-konvenut li ssalda l-prezz tal-konsenja ta' mija u sitta u ghoxrin (126) xkora ta' zokkor bil-hlas ta' elfejn Euro (€2000), u ta' dan il-hlas li skont hu, sar a saldu baqa' ma pproduca ebda ricevuta li kienet hargitlu s-socjeta' attrici bhala prova ta' dan, aktar u aktar meta dwar din il-merkanzija partikolari kienet qamet kwistjoni bejn il-partijiet proprju dwar il-prezz taghha. Il-prova li l-hlas ta' elfejn Euro (€2000) kien sar a saldu u mhux hlas akkont kienet tispetta lill-konvenut li jaghmilha, liema prova naqas li jaghmilha ;

Minn naha l-ohra pero’ s-socjeta’ attrici esibiet minn jeddha l-fattura tal-ordni li minn naha taghha kienet ghamlet lill-importatur Francis Busuttil & Sons Marketing Limited fit-13 ta’ Marzu 2009, liema fattura ggib id-dokument numru 09/010380, f’liema zmien probabilment li kienet giet impoggija l-ordni mas-socjeta’ attrici mill-konvenut, u fuq din il-fattura hemm stabbilit il-prezz *retail* fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin Euro (€26) li bih kull xkora zokkor ta’ 25kg tal-kwalita’ *Tate & Lyle Granulated Sugar* kellha tinbiegh. Il-prezz ghal kull xkora li s-socjeta’ attrici qed titlob lill-konvenut ihallasha huwa ta’ ewro (€1) aktar mill-prezz *retail* ghal kull xkora li bih kellu jinbiegh dan iz-zokkor lid-dettaljatur. Dan it-Tribunal ma jara ebda gustifikazzjoni minn naha tas-socjeta’ konvenuta li tippretendi li zzomm ewro (€1) aktar fl-ixkora lill-konvenut mill-prezz *retail*, aktar u aktar meta l-istess ordni kellha tigi u effettivament giet ikkonsenjata kollha f’daqqa lill-konvenut ;

It-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tirrizulta ghalhekk gustifikata limitatament ghall-ammont bilancjali ta’ elf mitejn u sitta u sebghin Euro (€1,276), u mhux ghal elf erba’ mija u zewg Euro €1,402) ;

Wara li ra l-artikoli 7(1), u 9(2) tal-Kap.380 ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament ghas-somma ta’ elf elf mitejn u sitta u sebghin Euro (€1,276), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont ta’ elf elf mitejn u sitta u sebghin Euro (€1,276), rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ta’ zokkor mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ;

Wara li ra l-artikolu 26(C)(2) tal-Kap.13 l-imghax fuq dan il-bilanc ghandu jkun b’effett mill-14 ta’ Gunju 2009, sal-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Awwissu 2010 (Ittra numru 108/2010) ghandhom jigu sopportati in

kwantu ghal undicesima parti (1/11) mill-attur u l-bqija mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------